MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 125/1995/1

Agostino u Maria konjugi Axiaq. U b'degriet tad-29 ta' Ottubru, 1998 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Joseph, Michael u Pauline mart John Schembri minflok Agostino Axiaq li miet fil-mori tal-kawza .

vs

Ganni u martu Maria Stella Camilleri, Raymond Camilleri.

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru sebgħa u għoxrin (27) Triq Frenċ ta' l-Għarb, Għarb, Għawdexm b'mandretta miegħu konġunta tal-kejl ta' ċirka siegħan, kif ukoll b'żewġ strixxi raba ma' l-istess lok ta' djar, waħda

lejn in-naħa tat-tramuntana tal-kejl ta' ċirka kejla li tintużgħa għal ġmiegħ taż-żibel – liema fond huma akkwistaw b'titolu ta' bejgħ mill-poter ta' Maria Haber b'att tan-Nutar Giuseppe Grech tad-disgħa (9) ta' Awissu elf disa' mija sebgħa u ħamsin (1957); u qabel kien magħruf bħala lok ta' djar numru sebgħa u għoxrin (27) Triq il-Blata ġo sqaq mingħajr numru ;

Illi inoltre l-attur Agostino Axiaq wiret porzjon oħra art ta' ċirka nofs siegħ flimkien mal-fond numru disgħa u għoxrin (29) Triq il-Blata mill-poter ta' Nicola Micallef bis-saħħa tat-testment ta' dan ta' l-aħħar fl-atti tan-Nutar John Busuttil ;

Illi l-konvenut jew xi ħadd minnhom huma proprjetarji tal-lok ta' djar attigwu għal dak tal-esponenti minn naħa tal-lvant (l-esponenti jiġu fuq in-naħa tal-punent tagħhom), liema fond huwa l-istess wieħed illi kien oġġett tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru elf disa' mija u tnejn (1902), fejn huwa deskritt bħala "un luogo di case con mandretta seco congiunta posta in Casale Garbo, Strada Blata, numru diciannove, confinato da levante con beni degli eredi di Gio Maria Tabone, da tramontana con vicolo, **da ponente con entrata di Giuseppe Haber** e da mezzodi con beni di Gabriele Grima" ;

Illi l-atturi ġja kellhom okkażżjoni jintavolaw rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti odjerni għaliex beżgħu illi dawn sejrin jiftħu xi twieqi li mill-proprjeta' tagħhom tkun tħares direttament għal fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti, u fl-atti ta' dak ir-rikors, l-konvenuti odjerni kienu obbligaw ruħhom (permezz ta' verbal tad-9 ta' Diċembru 1994) illi "dwar it-tieqa ma hemmx ebda tieqa u li ma huwa ser isir l-ebda tieqa li tkun tagħti għal fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti" ;

Illi ċjo' nonostante, l-konvenuti jew min minnhom intavolaw applikazzjoni mal-Planning Authority sabiex huma jiftħu bieb u tieqa illi jagħtu direttament għal fuq il-proprjeta' tal-atturi illi tiġi immedjatament fuq il-punent tal-konvenuti – liema applikazzjoni ġġib in-numru 5493/94 u

ġiet diskussa mill-Planning Authority fis-seduta tas-26 ta' Lulju 1995 . Illi l-Awtorita' tal-Ippjanar f'dik is-seduta iddikjarat illi hija sejra tapprova l-applikazzjoni tal-konvenuti jew min minnhom sabiex jinfetħu dawn il-bieb u tieqa "saving third party rights" ; filwaqt illi fl-istess seduta l-konvenut Ganni Camilleri beda jiftaħar illi l-obbligazzjoni assunta minnhom fl-atti tal-mandat preċedenti ma għadhiex viġenti għaliex ma ġietx segwita b'kawża ;

Illi, l-atturi intavolaw rikors ulterjuri quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn huma talbu l-ispedizzjoni tal-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti jew min minnhom sabiex dawn jiġu inibiti milli huma personalment jew permezz ta' terzi persuni, jiftħu kwalsiasi apertura, biex jew tieqa, li mill-proprjeta' tagħhom tagħti għal fuq il-proprjeta' tal-atturi illi tiġi immedjatament fuq il-punent tal-intimati; kif ukoll milli b'xi mod u manjiera jidħlu fil-proprjeta' tal-atturi attigwa għal bini tal-istess konvenuti liema rikors iġib in-numru 527/95 u ġie milqugħ minn din il-qorti permezz tad-degriet tal-1 ta' awissu, 1995 ;

Illi in sostenn ta' dak il-mandat ta' inibizzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni illi intom il-konvenuti ma għandkom ebda dritt illi tiftħu twieqi, bibien jew aperturi oħra minn fuq il-proprjeta' tagħkom għal fuq il-proprjeta' tagħhom illi tiġi fuq il-punent u tramuntana tal-istess proprjeta' tagħkom konvenuti, u lanqas illi tgħaddu minn jew taċċedu għall-istess proprjeta' tal-atturi ;

Illi inoltre intom konvenuti juew xi ħadd minnkom matul dawn l-aħħar xhur dħaltu fil-proprjeta' tal-atturi diversi drabi u kkagunajtu diversi ħsarat fl-istess proprejta' u l-atturi jridu illi din il-ħsara tiġi likwidata u huma jiġu kumpensati għall-istess .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi intom il-konvenuti ma għandkom ebda dritt illi tiftħu twieqi, bibien jew aperturi oħra minn fuq il-proprjeta' tagħkom għal fuq il-proprjeta' tagħhom illi tiġi fuq il-punent u tramuntana tal-istess

proprjeta' tagħkom konvenuti, u lanqas illi tgħaddu minn jew taċċedu għal l-istess proprjeta' tal-atturi fin-numru sebgħa u għoxrin (27) Triq Frenċ Tal-Għarb, Għarb, Għawdex b'mandretta miegħu konġunta tal-kejl ta' ċirka siegħan, kif ukoll b'żewġ strixxi raba ma' l-istess lok ta' djar, waħda lejn in-naħa tal-punent tal-kejl ta' ċirka kejla u nofs u l-oħra lejn in-naħa tat-tramuntana tal-kejl ta' ċirka kejal li tintuuża' għal ġmiegħ taż-żibel u qabel kien magħruf bħala lok ta' djar, fi sqaq mingħajr numru fi Triq Blata, numru sebgħa u għoxrin (27) ;

2. Konsegwentement tinibikom definittivament milli tiftħu xi bieb, tieqa jew apertura simili, u milli tgħaddu minn jew taċċedu fuq l-istess proprjeta' tal-atturi .

3. Tillikwida d-danni kaġunati lill-atturi minnkom konvenuti juew min minnkom meta intom f'dawn l-aħħar xhur dħaltu fil-proprjeta' tal-atturi, billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-ħsarat illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

4. Tikkundannakom tħallsu lill-atturi dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Gunju, 1994, u tal-ittra uffiċċjali tat-30 ta' Gunju, 1994, tas-17 ta' Ottubru 1994; u tal-mandat ta' inibizzjoni Numru : 527/95 fuq riferit kontra tagħkom; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa tinsabu inġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi maħlufa minn Maria Axiaq .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċeppew illi :

1. Illi huma qegħdin jikkontestaw il-jeddijiet pretiżi mill-atturi fuq l-isqaq oġġett tal-kawża .

2. Illi l-provi li a bażi tagħhom l-atturi qegħdin jippretendu l-isqaq bħala appartenenti lilhom

huma ferm inqas minn dawk meħtieġa sabiex jiġi rivendikat l-istess sqaq .

3. Illi l-konvenuti ma humiex responsabbli għal ħlas tad-danni pretiżi mill-atturi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Ganni Camilleri .

Rat id-digriet tagħha tal-19 ta' Jannar 1996 fejn ġie nominat l-avukat Dottor Aaron Attard Hili bħala perit legali .

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Diċembru 1997 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku sabiex jassisti lill-perit legali .

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fit-18 ta' Gunju 1998 u minnu maħlufa fit-22 ta' Gunju 2006 .

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Gunju 2003 fejn awtorizzat lill-Dottor Aaron Attard Hili, illi sadanittant kien ġie appuntat Assistent Ġudizzjarju fil-Qorti ta' Għawdex, sabiex ikompli jieħu konjizzjoni tal-kawża w anke jipprepara rapport dwarha .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Assistent Ġudizzjarju ppreżentata fil-21 ta' Gunju 2004 u minnu maħlufa fl-1 ta' Lulju 2004 .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-legali tagħhom .

Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' Frar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti ma għandhom ebda dritt jiftħu twieqi, bibien jew aperturi oħra li minn fuq il-proprjeta' taghhom jagħtu għal fuq il-proprjeta' ta' l-atturi, u konsegwentement sabiex jiġu inibiti definittivament milli jiftħu tali aperturi u jaċċedu fuq l-art tagħhom . Talbu wkoll il-kumpens għad-danni allegatament ikkawżati mill-konvenuti bħala riżultat tax-xogħlijiet li ttentaw jagħmlu f'dan ir-rigward .

Fl-eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jikkontestaw it-titolu ta' l-atturi fuq l-art illi għal fuqha huma ttentaw jiftħu l-aperturi tagħhom, għax jikkontendu illi dana għandhom kull dritt jagħmluh billi dik l-art li l-atturi qed jippretendu illi hija tagħhom, fil-fatt hija art pubbliku u hija estensjoni ta' l-isqaq li jikkonduċi, sew għall-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti, kif ukoll għal dawk ta' terzi .

Tqajjem dubbju dwar it-tip ta' azzjoni ttentata mill-atturi . Huwa minnu illi proprjament l-**azzjoni negatorja,** li fuqha jidher illi bbażaw ruħhom l-atturi**,** tiġi utiliżżata kontra min ikun jippretendi illi jgawdi xi servitu' fuq il-proprjeta' ta' ħaddieħor, u fil-każ in eżami l-konvenuti jsostnu illi din l-art hija pubblika u mhux ta' l-atturi . Madankollu fil-fehma tagħha xorta waħda għandhom japplikaw l-istess regoli u prinċipji legali ta' din l-azzjoni, għax fi kwalunkwe każ, sabiex l-atturi jirnexxu fit-talbiet tagħhom, dejjem iridu jippruvaw illi l-art mertu tal-kawża hija tassew proprjeta' esklussiva tagħhom, u li l-konvenuti ma jgawdu ebda drittijiet fuqha . Jiġi mgħallem fid-dottrina legali f'dan ir-rigward illi :

"***Si dice negatoria l'azione spettante al proprietario per difendersi da quelle usurpazioni, che, senza sopprimere interamente il dominio sulla cosa …. arrecano delle limitazioni all'ezercizio del medesimo, e si dice negatoria perche' tende a negare un diritto vantato dal convenuto . L'actio negatoria, secondo***

***l'opinione prevalente, ha luogo ogni qual volta avenga un'ingusta restrizione del diritto di proprieta'***."[1]

Dwar il-**provi** meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, ikompli jingħad fl-istess opra illi :

"***Fondamento dell'azione negatoria essendo la proprieta', l'attore deve provare in primo luogo che egli e' proprietario …. In secondo luogo l'attore deve provare la sofferta restrizione del suo diritto di proprieta', per fatto del convenuto. Se questi vuole sostenere che egli aveva diritto di compiere il fatto di cui l'attore sa lagna, deve fornire la prova, poiche tale fatto limita l'esercizio del diritto di proprieta' che e' illimitato per sua natura***."[2]

Hekk ukoll kif jispjega **Francesco Ricci** fl-opera tiegħu "*Corso Teorico - Pratico di Diritto Civilie* (Torino ed. 1886 vol. II # 473) :

"***L'azione negatoria****, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta' del fondo, ed escludere percio' la servitu' che altri pretenda di esercitare sul medesimo . Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu' …….*

*E' questione, se nell'esercizio della negatoria l'onere della prova incomba all'attore o al convenuto . La liberta' del fondo e' presunta, perche' e' una conseguenza del diritto di proprieta' competente sul medesimo; l'attore dunque ha nell'esercizio della negatoria a suo favore la presunzione, ed in conseguenza non esso, ma chi si fa a combattere tale presunzione, affaciando l'onere stabilito della servitu', ha l'obbligo di somministrare la prova*."

Mill-provi prodotti, jirriżulta illi l-proprjetajiet kollha 'l ġewwa mill-isqaq in kwistjoni li llum iġib l-isem Sqaq Papa Klement XIV, dari Sqaq Numru 1 fi Triq il-Blata, l-Għarb,

[1] Digesto Italiano vol. VIII. pt. I. Pag . 859 (Torino 1929) ; per V.Campogrande

[2] ibid. pag . 860 .

fuq in-naħa tan-nofsinhar u punent,[3] oriġinarjament kienu jappartjenu lill-konjuġi Nikola Formosa u Marija nee' Custo . Dawn permezz tat-testment tagħhom tat-28 ta' Settembru 1874 ħallew b'titolu ta' legat lit-tliet neputijiet tagħhom Ġużepp, Marija mart Ġużepp Micallef u Grazia mart Klement Agius, lkoll aħwa Haber, is-segwenti fondi,[4] u ċioe' :

(i) lil **Guzepp Haber** : "*un luogo di case di recente fabbricato, con pozzo d'acqua piovana colle sue adiacenze con tutte le sue comodita', con sito per la fabbrica di un bovile senza aria che sara' di lunghezza di venti palmi e di larghezza di dodici palmi e con mandretta di misure otto circa di rimpetto il cortile di detto luogo di case posto in detto Casale Garbo, Strada Blata Vicolo Primo, segnato col numero venti, confinato* ***da levante e tramontana con altri beni di detti testatori***,[5]*mezzodi' con beni del Ven.Sig.Can.Cap.Don Giusppe Agius e da ponente con beni di Giuseppe Micallef,franco e libero di ogni peso*;"
*(ii)* lil **Grazia mart Klement Agius** hallewlha: "*un luogo di case e giardinetto ove i detti testatori stanno abitando, gia sopra descritto, tutto congiunto, sito in detto Casale Garbo, Strada Blata Vicolo Primo, segnato col numero diciotto, confinato da levante con beni di Gio Maria Tabone, mezzodi con beni di detto Sig. Can. Cap. Cant. Don Giuseppppe Agius,* ***ponente col su descritto luogo di case lasciato al detto Giuseppe Haber***[6] *e da tramontana con detto Vicolo franco e libero d'ogni peso;"*
(iii) lil **Maria mart Giusepp Micallef** ħallewlha : "*un luogo di case* ***con due giardinetti***,[7]*posto in detto Casale Garbo, Strada Blata, Vicolo Primo, senza numero, confinato da levante con detto Vicolo, mezzodi col su descritto luogo di case lasciato al detto Giuseppe Haber, ponente con beni degli eredi di Clemente Micallef, e da*

[3] ara survey sheets Dokti. JA 5, JA 6 u 'blow-up' Dok . JA 7 a fol.90, 91 u 92 tal-process, fejn imdawwar b'ċirku aħmar .
[4] ara skizz esebit bħala Dok . G maċ-ċitazzjoni a fol. 54 tal-process
[5] enfasi ta' din il-Qorti .
[6] enfasi ta' din il-Qorti
[7] enfasi ta' din il-Qorti

*tramontana con beni degli eredi dell'Ill. Sig. Mag. Dr. Legale Giovani Cremona*." [8]

Sussegwentement għal dan it-testment, u wara li miet żewġha, l-armla Maria Formosa nee' Custo', ittrasferiet sehemha minn dawn il-fondi lill-istess tliet legatarji b'att ta' donazzjoni.Id-deskrizzjonijiet mogħtija huma identiċi għal dawk tat-testment hawn fuq ċitat .[9]

Grazia mart Klement Agius, (nee' Haber) wara li romlot reġgħet żżewġet, din id-darba lil Giusepp Mizzi . B'kuntratt tat-23 ta' Settembru 1902,hija ttrasferiet il-fond li kien mess lilha mingħand il-konjuġi Formosa lill-allura għarus tagħha Giusepp Mizzi . F'dak il-kuntratt il-fond ġie hekk deskritt : "*un luogo di case con mandretta seco congiunta posto in casale Garbo, Strada Blata, numero diciannove, confinato da levante con beni degli eredi di Gio Maria Tabone, da tramontana con vicolo,* ***da ponente con entrata di Giuseppe Haber,***[10] *e da mezzodi' con beni di Gabriele Grima."* [11] Sehem diviz minn dan il-fond, u ċioe' dak l-aktar lejn il-punent, spiċċa għand binha mill-ewwel żwieġ Wenzu Agius, li da parti tiegħu ħalla l-fond tiegħu lil Guza Cassar . Din imbagħad ħalliet l-istess fond b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenut Raymond Camilleri, n-neputi tagħha .

Il-fond li kien mess lill Guzepp Haber, inxtara mill-attur Agostino Axiaq mingħand Maria Haber, l-armla ta' Nikola Haber, li kien jiġi iben dan Gużepp Haber, b'kuntratt tad-9 ta' Awissu 1957 . Dakinhar il-fond illum ta' l-atturi kien ġie hekk deskritt : "*lok ta' djar li jinsab l-Għarb, Għawdex, fi Triq il-Blata, markat bin-numru sebgħa u għoxrin ġio skak mingħajr numru, b'mandretta konġjunta miegħu ta' kejl ta' ċirca sigħajn, kif ukoll b'żewġ strixxi raba ma' l-istess lok ta' djar konġjunti, il-waħda lejn in-naħa tal-punent ta' kejl*

---

[8] ara kopja tat-testment in atti Nutar Vincenzo Refalo; Dok.F a fol.50-52 tal-process

[9] ara kopja tal-kuntratt in atti Nut. V. Refalo ukoll; Dok. C a fol. 23 – 39 . tal-process

[10] enfasi ta' din il-Qorti .

[11] ara kopja tal-kuntratt in atti Nut. Giuseppe Camilleri ; Dok. A a fol. 12 tal-process .

*ta' circa kejla u nofs u l-oħra lejn in-naħa tat-tramuntana ta' ċirca kejla, li tintuża għal ġmiegħ taż-żibel."* [12]

Il-fond li kien ġie mħolli lil Maria mart Giusepp Micallef, fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' żewġha, kien ġie deskritt bħala : "*loc ta' diar* ***b'zewg imnadar miou, cul wahda fia tmien kejliet u ittnein flimkien fiom sieh u sit chejliet . Illoc flimchien ma limnadar imissu min naħħa tal-Lvant mattriek****, Tramuntana ma Giusep Caruana u Wenzu Grima, min naħa tal Ponent ma Antonio Agius u Maria armla Farrugia, min nahha ta' Lofsinar ma leredi ta Giusepp Haber, kied fir-rahal ta l'Gharb, strada Blata No. 28"* .[13] Iż-żewġ "*imnadar*" imsemmija hawnhekk huma id-"*due giardinette"* msemmija fit-testment tal-konjuġi Formosa . Imbagħad dan il-fond in segwitu għall-mewt tal-konjuġi Micallef, inqasam bejn iż-żewġ uliedhom Nikola u Luiġi . Il-parti li messet lil Nikola tħalliet lill-attur bis-saħħa tat-testment tiegħu tat-12 ta' Lulju 1964,[14] filwaqt illi l-parti l-oħra inxtrat minn Michael Axiaq, illum wieħed mill-atturi.[15] Mill-aċċess miżmum mill-Qorti fuq il-post seta' jiġi konstatat illi l-mandra ta' quddiem il-post ta' Luigi Micallef, illum ta' l-attur Michal Axiaq, għadha hemm u tiġi faċċata ta' li sqaq[16] . Skond l-atturi l-mandra ta' mal-post ta' Nikola Micallef, kellha strixxa minnha sporġuta 'l barra . Din tneħħiet fis-snin sittinijiet wara,li kienu wirtu dan il-fond minghandu, u dana sabiex ikunu jistghu idahhlu l-vetturi li kellhom, quddiem ir-residenza tagħhom . Qalu wkoll illi s-servizzi tad-drenaġġ ġew estiżi sad-dar tagħhom a spejjeż personali[17] . Il-Qorti setgħet tikkonstata wkoll waqt l-istess aċċess illi għadhom jidhru xi fdalijiet tal-pedamenti tal-ħajt li kien idawwar din il-parti tal-mandra, u dana peress illi l-art ta' quddiem ir-residenza ta' l-atturi qatt ma ġiet

[12] ara kopja tal-kuntratt in atti Nut. Giuseppe Grech; Dok. E a fol. 42 tal-process .

[13] ara Dok. MA 2 a fol. 200 tal-process .

[14] ara kopja tat-testment in atti Nut. John Busuttil ; Dok. B a fol.16 - 22 tal-proċess

[15] ara depożizzjoni ta' Michael Axiaq a fol.197 - 198 .

[16] ara pjanta redatta mill-perit tekniku a fol. 207 tal-proċess fejn immarkat "mandra" quddiem il-post indikat bħala "razzett Axiaq"
ara ritratt esebit bħala Dok. JA 4 a fol. 88 tal-proċess, u survey sheets Dokti. JA 5 u JA 6 a fol. 90, 91 tal-proċess, fejn fil-parti mdawwra b'ċirku aħmar jidher dan il-prolungament tal-ħajt tal-mandra msemmija .

asfaltata bħal ma ġie l-isqaq sa fejn tispiċċa d-dar tal-konvenut Raymond Camilleri .

Ġew prodotti wkoll diversi xhieda midħla ta' l-inħawi, li lkoll ikkonfermaw illi fil-parti ta' quddiem il-fond li l-atturi kienu akkwistaw mingħand il-werrieta ta' Guzepp Haber, kienu jidħlu huma biss u ħadd aktar ma kellu ebda jeddijiet fuqha . Maria Vella u Salvu Debrincat, jiftakru illi meta r-raġel ta' din Maria Vella xtaq iħalli l-vettura tiegħu fil-fetħa ta' quddiem id-dar ta' l-atturi, peress illi ma setgħax idaħħalha iktar 'l ġewwa quddiem id-dar tiegħu, billi hemmhekk l-isqaq kien dejjaq ħafna, kien talab permess lill-attriċi Maria Axiaq[18] . Maria Mizzi, li kienet għamlet żmien iddur b'Wenzu Agius, tiftakru jgħid illi l-bieb tar-remissa mbarrat bil-ġebel li kien hemm fil-proprjeta' tiegħu kantuniera mal-fond ta' Guzepp Haber, illum ta' l-atturi,[19] ma setgħax jiftħu, għax hemmhekk kien ta' Haber[20] . Dan kien ġie konfermat ukoll mix-xhud Maria Vella, li kienet trabbiet maz-zijiet tagħha fid-dar li tiġi faċċata tad-dar ta' l-atturi, fuq in-naħa tat-tramuntana[21] .

Minn naħa l-oħra l-konvenut Ganni Camilleri sostna illi l-bieb tar-remissa fil-post ta' Wenzu Agius fiż-żmien kien miftuħ u kellu rixtellu . Dik il-ħabta kien jagħti għal ġo bitħa mikxufa . Dan kien sussegwentement ingħalaq, billi kien iżjed konvenjenti għal Agius li jidħol u jdaħħal il-bhejjem tiegħu minn bieb ieħor li kellu fil-faċċatta tad-dar tiegħu[22] . Fuq dan ġie korroborat minn Guza Cassar, oħt il-mara tiegħu, li kienet wirtet il-post ta' Wenzu Agius[23] . Dan il-bieb immblukkat kien proprju il-bieb li kienu ttentaw jerġgħu jiftħu l-konvenuti, flimkien ma' tieqa li laħħqu fasslu f'ħajt ġdid li ttella' flok wieħed ta' seba' filati li oriġinarjament kien hemm fuq dan il-bieb[24] .

---

[18] ara depożizzjoni tagħhom a fol. 188 - 190 u 193 - 195 rispettivament .

[19] ara ritratt Dok. JA 10 a fol. 177, fejn immarkat bil-vlegga "C"

[20] ara depożizzjoni tagħha a fol.191

[21] a fol.193

[22] ara ritratt Dok. JA 8 a fol.177 fejn immarkat bil-vlegga B, u depożizzjoni tiegħu a fol. 180

[23] ara depożizjzoni tagħha a fol. 214 – 215 .

[24] ara Dok. JA 3 a fol. 177; it-tieqa kienet ser issir fejn immarkat bil-vlegeg "X" u "Y"

Dawn il-fatturi kollha jwasslu lil din il-Qorti għall-konvinċiment illi ġew prodotti provi biżżejjed sabiex tista' tikkonkludi illi l-fetħa ta' quddiem id-dar ta' l-atturi tassew tappartjeni lilhom esklussivament u dan għas-segwenti raġunijiet :

1. sew (i) fit-testment tal-konjuġi Formosa li bih ħolqu l-legati tat-tliet fondi fuq deskritti a favur tan-neputijiet tagħhom aħwa Haber, kif ukoll (ii) fil-kuntratt li bih l-armla Formosa ttrasferiet is-sehem tagħha minn dawn il-fondi lill-istess aħwa Haber, u anke (iii) fil-kuntratt li bih Grazzja Agius ittrasferiet lill-għarus tagħha ma' Guzepp Mizzi, il-fond illum tal-konvenut Raymond Camilleri, u li kienet akkwistat mingħand il-konjuġi Formosa, ir-riħ tal-punent ta' dan il-fond, dejjem ġie deskritt bħala li jmiss ma' beni ta' Guzepp Haber; hekk ukoll fl-istess testment tal-konjuġi Formosa, u l-kuntratt ta' donazzjoni ta' l-armla Formosa, il-parti li ġiet imħollija lill-istess Guzepp Haber ġiet deskritta li min-naħa tal-lvant u anke t-tramunata tmiss ma' beni oħra tal-konjuġi Formosa . Dan ma kienx isir kieku l-isqaq pubbliku kien jestendi wkoll f'dik id-direzzjoni kif jippretendu l-konvenuti;

2. il-konvenuti jippruvaw jagħmlu kapital mill-fatt illi fil-kuntratt ta' akkwist da parti ta' l-attur Agostino Axiaq tal-fond li kien jappartjeni lil Guzepp Haber, jingħad illi fuq quddiem tal-post kien hemm żewġ strixxi art li komplessivament kienu jkejlu żewġ kejliet u nofs, u ċioe' sitta u erbgħin metru kwadru punt disgħa (46.9m.k.), mentri l-perit tekniku sab illi l-art in kontestazzjoni tkejjel tlieta u tmenin metri kwadri punt erbgħa (83.4 m.k.)[25] . Wieħed pero' ma jridx jinsa illi minn dan il-kejl ta' l-aħħar iridu jitnaqqsu: (i) il-parti tal-mandra ta' Nikola Micallef li kienet tisporġi 'l barra lejn il-lvant, u li kif ingħad kienet tneħħiet sabiex l-atturi jkunu jistghu idaħħlu l-vetturi tagħhom; (ii) l-aċċess liberu għad-dar ta' Luiġi Micallef, bejn iż-żewġ imnadar u (iii) l-aċċess għall-istess dar ta' l-atturi li neċessarjament kellhom bejn iz-zewgt strixxi msemmija ;

[25] ara pjanta tal-perit tekniku a fol. 212 tal-process fejn hemm il-qisien kollha rilevanti

3. ix-xhieda ndipendenti prodotti mill-atturi kollha kkonfermaw illi hadd ma kien jaccedi gewwa l-fetha ta' quddiem id-dar ta' l-atturi, mingħajr il-kunsens tagħhom ;

*4.* l-istess xhieda stqarru wkoll illi, Wenzu Agius, l-aventi kawża tal-konvenut Raymond Agius, kien dejjem jgħid illi ma kellu ebda dritt jiftaħ il-bieb tar-remissa li kien hemm ġewwa din il-fetha *"għax hemm hekk kien ta' Ġużepp Haber" ;*

*5.* dak li sostnew il-konvenut Ganni Camilleri u Guża Cassar fis-sens li kien hemm rixtellu f'dan il-bieb tar-remissa, li minnu kien jgħaddi Wenzu Agius, ma ġie korobborat bl-ebda mod; huwa wkoll ferm insolitu illi xi ħadd li jkollu bieb jagħti għal barra, jaqbad u jimbarrah minn jeddu bil-ġebel, sempliċement għax ma baqgħax konvenjenti għalieh jgħaddi minn hemm; huwa ferm aktar verosimili illi dan il-bieb ġie mbarrat fl-okkażżjoni ta' meta t-tliet fondi li oriġinarjament kienu jappartjeni lill-konjuġi Formosa, bdew jiġu okkupati separatament mill-aħwa Haber li lilhom kienu ġew imħollija ;

*6.* it-teżi tal-konvenuti li Wenzu Agius kien xi darba jgħaddi mill-bieb tar-remissa, tikkontradiċi l-istess argument tagħhom li l-eredi ta' Guzepp Haber ma kienux ittrasferew l-art kollha ta' quddiem id-dar tagħhom lill-atturi . Dan għaliex qatt ma lludew għal xi servitu' ta' passaġġ jew xort'oħra li seta' kellu dan Wenzu Agius fuq l-art ta' Guzepp Haber, kif kien ikun il-każ li kieku din il-fetħa ma kienitx estensjoni ta' l-isqaq fi Triq il-Blata ;

*7.* wara kollox ħadd aktar ma jidher illi qatt avanza ebda pretensjonijiet fuq xi partijiet minn din il-fetħa, għajr il-konvenuti ;

*8.* il-fatt li din il-fetħa baqgħet qatt ma ġiet asfaltata bħall-kumplament ta' l-isqaq u li d-drenaġġ ġie estiż għad-dar ta' l-atturi a spejjeż tagħhom, ukoll huma indikazzjonijiet illi din baqgħet art privata u qatt ma ġiet

esproprjata' kif ġara f'partijiet oħra ta' l-isqaq meta twessa' .

Għaldaqstant ġie pruvat sodisfaċentement illi l-atturi huma l-proprjetarji assoluti ta' l-art kollha quddiem id-dar residenzjali tagħhom, bħala suċċessuri fit-titolu ta' parti mill-art avamposta għall-istess dar, provenjenti lilhom mill-poter ta' Guzepp Haber, kif ukoll għall-parti l-oħra mingħand Nikola Micallef, u li l-ebda biċċa minn din l-art qatt ma ġiet esproprjata biex saret estensjoni ta' l-isqaq pubbliku li jikkonduċi għall-istess proprjeta' . Ġjaladarba l-konvenuti mhumiex jippretendu illi għandhom xi dritt ta' servitu' fuq din l-art, għax kontinwament sostnew illi l-istess art hija parti mill-isqaq pubbliku, mhuwiex il-każ li jsiru nvestigazzjonijiet ulterjuri għall-eżistenza ta' xi dritt ta' servitu' fuq din l-art .

Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi allegaw ukoll illi l-konvenuti kienu għamlulhom xi danni u nfatti talbu l-likwidazzjoni u ħlas tagħhom . Dwar dan pero' l-atturi baqgħu qatt ma ressqu ebda provi u għalhekk it-talbiet relattivi jridu jiġu miċħuda .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti ma għandhom ebda dritt illi jiftħu twieqi, bibien jew aperturi oħra minn fuq il-proprjeta' tagħhom għal fuq il-proprjeta' ta' l-atturi illi tiġi fuq il-punent u tramuntana ta' l-istess proprjeta' tal-konvenuti, u lanqas illi jgħaddu minn jew jaċċedu għall-istess proprjeta' ta' l-atturi fin-numru sebgħa u għoxrin (27) Triq Frenċ ta' l-Għarb, illum Sqaq Papa Klement XIV, l-Għarb, Għawdex, kif aħjar deskritta fiċ-ċitazzjoni ;

2. konsegwentement tilqa' wkoll it-tieni talba u tinibixxi lill-konvenuti definittivament milli jiftħu xi bieb, tieqa, jew apertura simili, u milli jgħaddu minn jew jaċċedu fuq l-istess proprjeta' ta' l-atturi ; u

3. tiċħad it-tielet u raba' talbiet billi ma ġewx ippruvati .

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġi ssopportati kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwart (1/4) mill-atturi stess .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------